Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 41, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2014, fil-5.00 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Vici-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Dr.Angelo Micallef (A.M.)<br>Steven Grech (S.G.)<br>Stephen Caruana ( S.C.) |
| Assenti | Is-Sur Marlon Grech (M.G.) Ambaxxatur (Vot 16) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Fish Fest 2014
6. Lista ta' works orders/purchase orders
7. Lista ta' petty Cash
8. Approvazzjoni ta' hlasijiet
9. Affarijiet oħra
10. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**41/01 Qari tal-Minuti**

41/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 40, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

41/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Stephen Caruana il-minuti gew unanimament approvati

41/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**41/02** ***Arisings* mill-Minuti**

41/02/01 Is-Sur Angelo Micallef staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward regeneration plan li kien qieghed jigi propost ghal-lokalita' (40/02/02). Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill ma kien ircieva ebda informazzjoni fir-rigward. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat korrispondenza lill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar il-materja.

41/02/02 Is-Sur Angelo Micallef staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kenitx waslet xi risposta rigward il-kwistjoni ta' kontijiet pendenti ghal dawl u ilma b'konnessjoni ma' winchrooms li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda (40/11/02).
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi fir-rigward kienet ser tinzamm laqgha mal-Onor. Roderick Galdes nhar l-Erbgha 24 ta' Settembru 2014.

41/02/03 Is-Sur Angelo Micallef staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward laqgha li kien talab il-Kunsill Lokali mal-Ispettur Melvyn Camilleri.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-laqgha mal-ispettur Camilleri kienet inzammet. Is-Sur Hall zied jghid illi fost affarijiet ohra kienu gew diksussi l-infurzar ta' bye-laws ezstenti flimkien ma' problemi relatati mas-swieq fil-berah.

41/02/04 Is-Sur Edric Micallef staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward proprjeta' li l-Kunsill Lokali kien qieghed jitlob id-devoluzzjoni taghha minghand il-Gvern Centrali.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda komunikazzjoni fir-rigward. Kien hemm qbil illi kellu jintbaghat *reminder* lid-Dipartiment ghall-Kunsill Lokali u lill-Government Property Division.

41/02/05 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward hsarat li kien hemm f'water feature li kiene tinstab fi Pjazza Madonna ta' Pompei peress li kienet ghadha ma tahdimx.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi l-kumpanija li tiehu hsieb il-funtata kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien hemm xi hsarat fil-kompjuter li kien jikkordina l-attivita' tal-funtana. Huwa zied jghid illi minn informazzjoni li kien inghata l-imsemmi kompjuter ma kienx jissewwa u l-Kunsill Lokali kien ircieva proposta sabiex issir controller gdida li kiene tiswa' € 1024. Wara diskussjoni qasira dwar il-materja is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali jixtri l-imsemmi controller sabiex il-*water feature* tkun tista' tinxteghel mill-gdid. Il-proposta giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u ghaddiet b'votazzjoni unanima. Kien hemm qbil illi minbarra li tigi ordnata *controller* gdida kellu jitfassal abbozz ta' dokument gdid ghall-sejha ghall-offerti rigward il-manutenzjoni tal-istess *water feature*.

41/02/06 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali b'konnesssjoni mal-European Mobility Week ( 40/04/15) kienet giet accettata. Huwa zied jghid illi b'konnessjoni mal-istess inizjativa, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghall-*press conference* li kienet inzammet.

41/02/08 Is-Sur Steven Grech staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward sinjali tat-traffiku f'Xatt is-Sajjieda (40/04/11).
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi ma kien hemm ebda zvilupp fir-rigward. Is-Sindku qal illi b'konnessjoni mal-materja huwa kien tal-opinjoni illi wara li jigi kkonsultat il-Gvern Centrali ( li kien ha hsieb ix-xogholijiet meta saru

Is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu l-ewwel jaghmel studju dwar il-possibilitajiet ta' parkegg fiz-zona sabiex jigi stabbilit liema huwa l-ahjar soluzzjoni

originarjament) u tintalab dokumentazzjoni dwar l-iskema originali tas-sinjali tat-traffiku, il-Kunsill Lokali kellu jiehu l-passi mehtiega sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata. Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex f'kaz illi l-Kunsill Lokali ma jircievi ebda konferma min-naha tal-Gvern Centrali, isir *solid yellow line* fi Triq Xatt is-Sajjieda (man-naha tal-bini) u l-parkegg ta' Triq Xatt is-Sajjieda (n-naha tal-bahar) isir parallel mal-karreggjata u ma jibqax kif kien fil-prezent.* Is-Sindku issekonda l-proposta tas-Sur Bugeja. Fuq talba tas-sur Carmelo Bugeja gew irregistrati l-voti tal-Kunsilliera li kienu s-segwenti

| | | |
|---|---|---|
| Edric Micallef | - | Favur |
| Carmelo Bugeja | - | Favur |
| Steven Grech | - | Favur |
| Angelo Micallef | - | Favur |
| Stephen Caruana | - | Kontra |

Il-~~proposta tas-Sur Bugeja ghaddiet b'votazzjoni unanima~~. Kien hemm qbil ukoll illi kellu jsir kuntatt ma sid vann tal-gilat li kien jopera bhala fixed hawker sabiex iressaq il-vettura tieghu ftit lura mis-sit likien qieghed jokkupa.

**41/03** **<u>Komunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

41/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni mal-attivita' Fish Fest 2014, li dettalji dwarha kienu ser jinghataw aktar tard waqt is-seduta, kienet ser tinzamm konferenza ghall-istampa nhar is-Sibt 20 ta' Settembru 2014, fl-10:00a.m. gewwa l-istabbiliment *Southport Villa & Gardens* li kien jinstab fi Triq Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk.

41/03/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni ma' proposta ta' *Tourist Information Office* gewwa Triq Xatt is-Sajjieda, kellu xi laqghat ma Transport Malta li matulhom gie diskuss il-progress li kien hemm rigward il-materja. Filwaqt li qal illi kienu gew ippreparati l-istimi kollha mehtiega, is-Sindku sahaq kif l-applikazzjoni ghall-fondi ma' Gal Xlokk kienet ser issir mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk

41/03/03 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha ohra tar-Regional Tourism Zones Committee. Huwa semma kif waqt il-laqgha kien tqajjem il-punt tat-trasport pubbliku u kien issemma l-fatt illi rotot numru 426 u 627 ma kienux ghadhom jigu offruti. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi kellha tintbaghat ittra sabiex kemm il-darba ikun possibbli, iz-zewg rotot imsemmija jergghu jidhlu fis-sehh.

41/03/04 Is-Sindku qal illi nhar il-Hadd 28 ta' Settembru 2014 kien ser ikun hemm numru ta' attivitajiet b'risq id-Dar tal-Provvidenza. L-attivitajiet kienu jinkludu girja, mixja u qdif bir-roti. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jipprovdi t-trasport ghar-residenti xlukkajri li riedu jiehdu sehem fil-mixja li kienet ser titlaq mil-lokalita' tas-Siggiewi

41/03/05 Is-Sindku qal illi kien attenda ghall-peer process review meeting li kien inzamm mill-Kunsill tal-Ewropa u li ghalih kienu mistednin flimkien mieghu hames Sindki ohra.

41/03/06 Is-Sindku qal illi wara sensiela ta' korrispondenza li kien hemm bejn il-Kunsill Lokali u Transport Malta, kienet giet approvata pedestrian crossing fi Triq Santa Katerina kantuniera ma Triq San Guzepp.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta l-permess mahrug.

41/03/07 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li irrizulta li kien hemm kwantita' ta' lampi ma jixghelux matul xatt is-Sajjieda, kien gie mqabbad kuntrattur li kien ghamel it-tiswijiet mehtiega u d-dwal ta' Xatt is-Sajjieda regghu inxteghlu ghajr fanal wiehed li kellu bzonn tiswijiet estensivi.

41/03/08 Is-Sindku semma kif il-Kunsill Lokali kien ircieva xi ilmenti rigward is-sigar taz-zebbug li kien hemm fi Triq il-Port Ruman peress illi dawn kien bdew iwaqqghu il-frott. Huwa zied jghid illi ghal dan il-ghan kien ghamel kuntatt mas-Sur Matthew Bugeja li kien ha hsieb il-gbir taz-zebbug matul is-snin imghoddija li, min-naha tieghu kien ikkonferma illi kien interessat jaghmel il-gbir taz-zebbug fi tmiem Settembru 2014. Is-Sindku zied jghid illi aktar tard matul is-sena imbaghad kien ser isir iz-zbir tas-sigar infushom.

41/03/09 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi bi qbil mal-amministrazzjoni kien inbeda x-xoghol sabiex isiru xi modifiki fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Huwa zied jghid illi l-modifiki mehtiega ma kienux strutturali izda kien ser jinbidel l-uzu ta' xi kmamar sabiex l-ispazju disponibbli jigi utilizzat bl-ahjar mod possibbli.

**41/04** **<u>Korrispondenza</u>**

41/04/01 E-Mail datat 4 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu is-Sur Anton Camilleri mill-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura, informa lill-Kunsill Lokali illi sabiex tittiehed azzjoni rigward struttura perikoluza fi Triq Santu Kristu ( li dwarha kien ghamel rapport is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali), kien jinhtieg illi jsir rapport lill-pulizija sabiex jinstab is-sid u jsiru t-tiswijiet mehtiega.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni kienet ghamlet ir-rapport hekk kif mitlub.

41/04/02 Permezz ta' ittra datata 29 t'Awissu 2014, Transport Malta approvat it-talba tal-Kunsill Lokali ghal *pedestrian crossing* fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq San Guzepp.
Hekk kif maqbul aktar kmieni waqt l-istess seduta, il-permess mahrug minn Trasport Malta kellu jigi implimentat.

41/04/03 Permezz ta' e-mail datat 2 ta' Settembru 2014, is-Sindku ikkonferma f'isem il-Kunsill Lokali illi l-istess Kunsill Lokali kien jappoggja proposa ta' Nature Trust ghal pjanijiet li kien hemm ghaz-zona ta' Delimara u li dwarhom kienu qieghdin jippruvaw jinkisbu fondi mill-*European Regional Development Fund*.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kien jaqbel bis-shih mal-proposti mressqa.

41/04/04 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Settembru 2014, is-Sa. Claire Dimech, fuq talba tal-Kunsill lokali indikat tliet zoni li fihom kienet tahseb illi kellhom jitwahhlu *dog bins* gewwa Marsaxlokk. Il-proposta kienet li jitwahhlu dig bins fi Triq Lepanto, Triq Xatt is-Sajjieda (biswit l-ghassa tal-pulziija) u Triq il-Wilga (biswit il-bandli).

Wara dikussjoni qasira kien hemm qbil illi filwaqt li l-proposta ta' Triq Lepanto kienet ta' min jimplimentaha, biswit Triq il-Wilga kien diga hemm *dog bin.* Fl-istess waqt Triq Xatt is-Sajjeda ( hdejn l-ghassa tal-pulizija) ma giex ikkunsidrat bhala post li fih jitwahhal dog bin minhabba rwejjah li seta' jkun hemm f'zona daqstant frekwentata mill-pedonali.

41/04/05 Permezz ta' ittra datata 9 ta' Settembru 2014, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'referenza ma playing field gdida li kienet saret permezz tal-*Urban Improvement Fund,* kien qieghed jigi mghoddi nofs il-pagament dovut lill-Kunsill Lokali.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-fatt li zamm lill-MEPA milli tghaddi l-ammont shih lill-Kunsill Lokali kien marbut ma' funtana li ma setghetx tiffunzjona qabel ma' jigu nstallati l-meters tad-dawl u l-ilma. Is-Sur Hall zied jghid illi kien mahsub illi sa tmiem Ottubru 2014 din il-materja tkun giet rizolta u l-Kunsill Lokali jikseb il-bqija tal-fondi marbuta mal-progett.

41/04/06 E-Mail datat 15 ta' Settembru 2014, li permezz tieghu is-Sa. Julia Farrugia, f'isem il-Youth for the Environment infurmat lill-Kunsill Lokali b'attivita' ta' tindif li kienet ser tinzamm gewwa Delimara. Is-Sa. Farrugia talbet lill-Kunsill Lokali sabiex jipprovdi *skip* ghall-attivita'.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda diffikulta' sabiex jipprovdi skip hekk kif mitlub.

41/04/07 Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Settembru 2014, is-Sur Victor Battistino, f'isem Transport Malta informa lill-Kunsill Lokal illi l-applikazzjoni tal-istess Kunsill Lokali b'konnessjoni mal-European Mobility week 2014 kienet giet accettata u l-Kunsill Lokali kien ser jinghata l-fondi sabiex tittella' l-attivita' proposta. Is-Sur Battistino stieden lill-Kunsill Lokali ghal konferenza ghall-istampa li kienet ser tinzamm b'konnessjoni mal-inizjativa.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghall-konferenza ghall-istampa. Huwa zied jghid illi l-Kunsill Lokali kien diga' ghamel l-arrangamenti mehtiega sabiex l-attivita' tittella' hekk kif propost.

41/04/08 E-mail datat 1 ta' Settembru 2014, li permezz tieghu is-Sa Borg Marie-Jeanne, f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokal infurmat lill-Kunsilli Lokali bl-iskema dwar inizjativi sportivi fil-lokalitajiet 2014-2015.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-iskema kienet taghlaq fi zmien qasir u, peress illi diga' kien hemm zewg attivitajiet li kienu qieghdin jigu kkordinati ma kienx hemm zmien bizzejjed sabiex il-Kunsill Lokali jissottometti applikazzjoni ghall-iskema imsemmija.

41/04/09 Permezz ta' e-mail datat 25 t'Awissu 2014, is-Sur Noel Castillo informa lill-Kunsill Lokali b'banda Svizzera li kienet ser tkun qieghda taghti s-servizzi taghha f'Malta ghall-Karnival tal-2015. Is-Sur Castillo zied jghid illi l-istess banda setghet tofri s-servizzi taghha gewwa Marsaxlokk, waqt attivita' li kienet tigi organizzata annwalment mill-Kunsill Lokali ghall-prezz ta' €500.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jikri s-servizzi tal-banda imsemmija. Madanakollu, ma kellu jkun hemm ebda irbit sabiex il-kumplament tal-attivitajiet li jittellghu fi zmien il-karnival jigu kkordinati mis-Sur Castillo

41/04/10 E-mail datat 25 t'Awissu 2014, li permezz tieghu, is-Sur Paul Refalo, f'isem AFS Ltd. informa lill-Kunsill Lokali illi water feature li kien hemm fi Pjazza Madonna ta' Pompei am kentix tiffunzjona kawza ta' hsarat li kien hemm fil-kompjuter li kien jikkontrolla l-istess funtana.

Is-Sindku qal illi b'konnessjoni mal-materja, kien gie stabbilit illi l-hsarat li kien hemm fil-kompjuter kienu irreparabbli. Ghal dan il-ghan AFS Ltd. kienet intalbet tibghat stima sabiex ikun jista' jitwahhal apparat gdid halli l-*water feature* terga' tibda tiffunzjona. Is-Sur Edric Micallef tenna illi decizjoni dwar l-istima pprovduta minn AFS Ltd. kienet diga ittiehdet aktar kmieni waqt l-istess seduta.

41/04/11 Permezz ta' e-mail datat 25 t'Awissu 2014, is-Sur Claude Galea f'isem il-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig informa lill-Kunsill Lokali b'dettalji dwar il-programm *Outreach* illi l-Kunsill Lokali kien interessat jorganizza.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat korrispondenza lid-Divizjoni tal-Edukazzjoni li permezz taghha tigi spjegata l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali u tintalab ghajnuna sabiex kemm il-darba ikun possibbli l-imsemmija korsijiet jittellghu.

41/04/12 Ittra datata 20 t'Awissu 2014 li permezz taghha is-Sur Daniel Zerafa, flimkien ma numru ta' individwi baghat petizzjoni rigward tqeghid ta' mwejjed, umbrelel u siggijiet li sid l-istabbiliment t'Anna Marie kien qieghed jipproponi l jpoggi f'Xatt is-Sajjieda. Il-petizzjoni kienet titlob fost l-ohrajn diversi garanziji min-naha tal-Kunsill Lokali illi l-operat tal-bejjiegha tas-suq u tas-sajjieda ma jigix effettwat bil-propost zvilupp.

Wara diskussjoni libera, li matulha tqajjem il-punt illi l-Kunsill Lokali kien offra lis-Sur Schiavone il-possibilita' illi b'permess temporanju jitpoggew l-imwejjed, umbrelel u siggijiet sabiex tigi evalwata s-sitwazzjoni, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jevalwa ahjar il-proposta hekk kif issir l-applikazzjoni mal-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar.

41/04/13 Permezz ta' e-mail datat 27 t'Awissu 2014, is-Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Daniel Zerafa illi b'referenza max-xewqa tas-Sur Schiavone illi jpoggi mwejjed,umbrelel u siggijiet quddiem l-istabbiliment tieghu li kien jinstab f'Xatt is-Sajjieda, l-istess Sur Schiavone kien talab illi jzomm laqgha mas-Sur Zerafa sabiex jigu ccarati eventwali incertezzi li setghu jinholqu.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Zerafa kien irrisponda permezz ta' e-mail u informa lill-Kunsill Lokali illi ma kellux ic-cans jasal il-kunsill Lokali sabiex izomm il-laqgha mitluba.

41/04/14 Permezz ta' ittra datata 10 ta' Settembru 2014, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar baghtet screening letter ghal applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta b'konnessjoni ma' proposta ta' bini li kellu jservi bhala *tourist information office*.

41/04/15 E-Mail datat 11 ta' Settembru 2014, li permezz tieghu is-Sindku baghat lil dawk involuti fil-progett ta' *Tourist Information Office* li kien qieghed jigi propost ghal Xatt is-Sajjieda, stima tal-ispejjez b'konnessjoni mal-istess progett. L-istima kienet tammonta ghal €72 539.59

41/04/16 Permezz ta' ittri datati 6 u 11 ta' Settembru 2014, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali b'applikazzjonijiet godda li kienet irceviet. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib

ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet ikkoncernati (PA/02679/14, PA/02666/14, PA/02650/14

41/04/18 Ittra datata 11 ta' Settembru 2014 li permezz taghha l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-Hamis 25 ta' Settembru 2014 kienet ser tigi diskussa applikazzjoni numru PC009/14 li kienet tikkoncerna zvilupp fi Triq il-Kuncizzjoni, Marsaxlokk.
Wara li giet evalwata l-proposta ta' zvilupp, gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

41/04/19 Permezz ta' e-mail datat 28 t'Awissu 2104, is-Sindku baghat e-mail lill-Kunsill Lokali li permezz taghha ressaq proposta ghal sett ta' bye-laws li jirregolamentaw il-parkegg taht skema park & display.
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu kien prematur illi wiehed jiehu decizjoni rigward il-materja. Madanakollu huwa kien tal-opinjoni illi fil-futur qarib jinghata bidu ghad-diskussjonijiet sabiex is-sitwazzjoni tal-parkegg tigi mmeljorata. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti l-proposta li kien ressaq is-Sindku sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi din tigi implimentata.

**41/05** **<u>Fish Fest 2014</u>**

40/05/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienu ghaddejjin b'ritmu mghaggel it-thejjijiet ghall-attivita' Fish Fest 2014 li kienet qieghda ssir b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u s-Segretarjat ghall-Agrikoltura, Sajd u drittijiet tal-annimali. Wara li gew elenkati numru ta' inzijativi li kienu ser ikunu inkluzi fl-attivita' fosthom, bejgh ta' hut frisk, children's area, divertiment, suq tal-artigjanat u stands ibieghu hsejjex aromatici fost l-ohrajn, kien hemm diskussjoni libera li matulha gew diskussi diversi temi relatati mal-kordinazzjoni tal-attivita'.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni mal-istess data, kienet giet approvata l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex tittella' attivita' b'relazzjoni mal-*European Mobility Week 2014*. Ghal dan il-ghan, kienu qieghdin isiru t-thejjijiet mehtiega sabiex iz-zewg attivitajiet in-kwistjoni jigu kemm jista' jkun amalgamati flimkien.

**41/06** **<u>Lista ta' works orders/purchase orders</u>**

41/06/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works orders/purchase orders mahruga mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Awissu 2014.

41/06/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Edric Micallef, il-Kunsill unanimament approva l-lista imsemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**41/07** **<u>Lista ta' Petty Cash</u>**

41/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Awissu 2014

41/07/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**41/08** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

41/08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 09/2014) ghall-approvazzjoni.

41/08/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**41/09** **Affarijiet ohra**

41/09/01 *Infurzar ta' bye-law dwar skips*
Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jigbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet rigward bye-law li kienet dahlet fis-sehh (applikabbli ghal-lokalita') u li kienet tikkoncerna fost l-ohrajn skips. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kellha tingibed l-attenzjoni tal-pulizija dwar din il-materja. Fir-rigward kellha tintbaghat e-mail lill-Ispettur Melvyn Camilleri sabiex tittiehed azzjoni b'effett immedjat.

41/09/02 *Problemi relatati mal-access ghall-vetturi fi Pjazza Madonna ta' Pompei..*
Is-Sur Stephen Caruana semma kif kien qieghed ikun hemm problemi ghas-sewwieqa li jkunu jridu jaccessaw Pjazza Madonna ta' Pompei. Huwa zied jghid dan kien dovut ghall-imwejjed u siggijiet tal-istabbiliment Ristorante dell'Arte. Is-Sur Caruana qal illi l-problema kienet tkun l-aktar akuta meta jkun hemm xi funeral.
Is-Sur Steven Grech qal illi dwar il-materja kien kellem lil sid l-istabbiliment illi min-naha tieghu kien wera' d-disponibilita' tieghu f'kazi ta' funeral u sahaq li kien dispost jaghmel spazju sabiex jghaddu l-vetturi kemm il-darba ikun avzat. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi kellu jsir kuntatt mal-kappillan sabiex meta ikun hemm xi funeral javza lil sid l-istabbiliment in-kwistjoni sabiex dan ikun jista' jaghmel l-arrangamenti mehtiega.

41/09/03 *Bankina fi Triq il-Galjazz*
Is-Sur Steven Grech qal illi kien gie avvicinat minn resident li kien jabita fi Triq il-Galjazz li kien talab illi quddiem il-fond tieghu isiru xi xogholijiet fuq il-bankina. Wara li kien ivverifika l-ilment, is-Sur Grech kien ikkonferma li hemm bzonn li jsir xi xoghol fuq il-bankina in-kwistjoni.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel ix-xoghol mehtieg fuq il-bankina msemmija fi Triq il-Galjazz.

41/09/04 *Bankina fi Triq San Frangisk*
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu kien jinhtieg illi ssir mill-gdid bankina fi Triq San Guzepp (faccata tal-bini tal-M.U.S.E.U.M.). Dan peress illi fil-prezent, il-bankina kienet fi stat hazin hafna tant illi kien hemm partijiet sostanzjali minnha li kienu sfrundati.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku

41/09/05 *Triq Melqart*
Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, kien jinhtieg li jsiru xi modifiki fil-parti ta' fuq ta' Triq Axtart. Huwa zied jghid illi l-*bring-in-sites* li kien hemm, kienu qieghdin jigu abuzati bi kwantitajiet ta' skart mhux riciklabbli jintrema' magenbhom li ma kienx qieghed jaghti dehra mill-isbah lis-sit li kien jinstab fid-dahla ta'

Marsaxlokk. Is-Sur Grech sahaq illi huwa kien tal-fehma illi l-bring-in-sites in kwistjoni ghandhom jitnehhew. Minflokhom kellu jsir bus stop sabiex bus stop ezistenti quddiema abitazzjoni fi Triq Melqart ikun jista' jitnehha. Is-Sur Grech qal illi il-modifiki proposti kienu qieghdin isiru anke in-vista ta' xogholijiet li kien hemm ippjanat li jsir fiz-zona b'konnessjoni ma regeneration plan li kien qieghed jigi propost ghal Marsaxlokk
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu l-mizuri mehtiega sabiex tigi implimentata il-proposta li kien ressaq is-Sur Grech.

41/09/06 *Haxix hazin fi triq il-Powerstation*

Is-Sur Stephen Caruana qal illi kienu avvicincawh diversi residenti rigward kwantita' konsiderevoli ta haxix hazin li kien hemm fi Triq il-Powerstation u li kien qieghed jostakola il-bankini.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni kienet gibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet kkoncernati rigward din il-materja. Dan peress illi z-zona in-kwistjoni ma kenitx taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali.

41/09/07 *Haxix hazin fi Triq it-Trunciera*

Is-Sur Stephen Caruana qal illi kien hemm bzonn illi jinqata' l-haxix hazin li kien hemm fi Triq it-Trunciera. Huwa zied jghid illi dwar l-istess materja kien gie innotat illi ma kienx qieghed isir knis.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien ser jigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur rispettiv dwar il-materja.

41/09/08 *Bankina fi Triq l-Arznell*

Is-Sur Steven Grech gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali rigward bankina li kien hemm bzonn li jsirilha xi manutenzjoni fi Triq l-Arznell.
Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali jinkludi il-bankina mal-lista' ta' xoghol li kienu jaghmlu l-haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjati mieghu.

**40/12 Aġġornament**

40/12/01 Is-Seduta spiccat fit-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Ottubru 2014 fil-5:00p.m.

______________________

**Perit Edric Micallef**
**Sindku**

______________________

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: ______________________

Kunsill Lokali: MARSAXLOKK

Skeda Nru. 9/14

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 20/08/14 sa 16/09/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ARMS Ltd. | € 1,482.42 | € 1,482.42 | D | PF | Water & Electricity bill for Water Fountain | 12/08/2014 | 18975161 | n/a | n/a | | 8246 |
| 2 | ARMS Ltd. | € 514.66 | € 514.66 | D | PF | Water & Electricity bill for Gnien il-Familja | 12/08/2014 | 18975162 | n/a | n/a | | 8246 |
| 3 | G4S Security Services Ltd. | € 60.18 | € 60.18 | D | PF | Cash Collection Services for Aug 14 | 31/08/2014 | GS010651 | n/a | n/a | | 8247 |
| 4 | WasteServ Malta Ltd. | € 174.64 | € 174.64 | D | PF | MSW Waste for August 2014 | 01/09/2014 | 51816 | n/a | n/a | | 8248 |
| 5 | WasteServ Malta Ltd. | € 736.33 | € 736.33 | D | PF | MSW Waste for August 2014 | 01/09/2014 | 51871 | n/a | n/a | | 8248 |
| 6 | Melita plc | € 35.31 | € 35.31 | D | PF | Internet service i.c.w. Streaming Equipment | 01/09/2014 | 100197629 | n/a | n/a | | 8249 |
| 7 | F.Caruana Brothers | € 81.19 | € 81.19 | D | PF | Ironmongery | 10/09/2014 | 10007 | 1075 | 1497 | | 8253 |
| 8 | Caruana Bros Petrol Station (R.ca | € 43.30 | € 43.30 | D | PF | Diesel for Council's Van | 12/09/2014 | 918 | 1079 | 1501 | | 8254 |
| 9 | RGS Supplies Ltd. | € 159.30 | € 159.30 | D | PF | HP Toners | 11/09/2014 | 277993 | 1080 | 1502 | | 8255 |
| 10 | Adrian Caruana | € 210.00 | € 210.00 | D | PF | Gebel | 14/08/2014 | 80 | 1049 | 1471 | | 8251 |
| 11 | Anglu Grech | € 171.10 | € 171.10 | D | PF | Concrete (Maghluq Area) | 20/08/2014 | 2988 | 1057 | 1479 | | 8250 |
| 12 | Caruana Bros Petrol Station (R.ca | € 56.00 | € 56.00 | D | PF | Diesel for Council's Van | 01/09/2014 | 910 | 1070 | 1492 | | 8254 |
| 13 | ELC Ltd. | € 1,017.29 | € 1,017.29 | T | PF | Gardening works for August 2014 | 31/08/2014 | INV10984 | n/a | n/a | | 8256 |
| 14 | Anglu Grech | € 410.64 | € 410.64 | D | PF | Concrete ( Delimara) | 02/09/2014 | 2613 | 1491 | 1069 | | 8250 |
| 15 | Datatrak IT Services | € 26.23 | € 26.23 | D | PF | 2 pre-regional tickets | 31/08/2014 | 1010927 | n/a | n/a | | 8257 |
| 16 | Sterling Security | € 1,486.80 | € 1,486.80 | D | PF | Extra Warden Hours | 01/09/2014 | 15830 | various | various | | 8258 |
| 17 | Jason Gauci | € 142.30 | € 142.30 | D | PF | Newspapers | 01/09/2014 | INV8/14 | 1071 | 1493 | | 8259 |
| 18 | Caruana Bros Petrol Station (R.ca | € 71.30 | € 71.30 | D | PF | Diesel for Council's Van | 25/08/2014 | 21199 | 1061 | 1483 | | 8254 |
| 19 | WasteServ Malta Ltd. | € 193.52 | € 193.52 | D | PF | MSW Waste for July 2014 | 16/08/2014 | 51467 | n/a | n/a | | 8248 |
| 20 | WasteServ Malta Ltd. | € 962.87 | € 962.87 | D | PF | MSW Waste for July 2014 | 16/08/2014 | 51533 | n/a | n/a | | 8248 |
| | **Sub Total c/f** | **8035.38** | **€8,035.38** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **8035.38** | **€8,035.38** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 41**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsill Lokali: MARSAXLOKK



# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 18/07/14 sa 16/09/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Melita plc | €35.00 | €35.00 | D | PF | Internet for streaming equipment | 1/8/14 | 100036802 | n/a | n/a | | 8249 |
| 22 | F.Caruana Brothers | €65.20 | €65.20 | D | PF | Ironmongery | 27/08/2014 | 9711 | 1064 | 1486 | | 8253 |
| 23 | F.Caruana Brothers | €12.86 | €12.86 | D | PF | Ironmongery | 29/08/2014 | 9759 | 1067 | 1489 | | 8253 |
| 24 | Nexos Street Lighting | €2,234.58 | €2,234.58 | T | PF | Street lighting repairs and maintenance | 18/08/2014 | 1243 | various | various | | 8252 |
| 25 | A.Montebello tyres Ltd | €118.96 | €118.96 | D | PF | Replacement of 2 tryes for Council's van | 22/08/2014 | 10241276 | 1060 | 1482 | | 8260 |
| 26 | Office Point Malta | €171.78 | €171.78 | D | PF | Stationery | 19/08/2014 | 42531-141 | 1059 | 1481 | | 8261 |
| 27 | Image Systems Ltd. | €104.28 | €104.28 | D | PF | Usage Counters for XEROX WC7525 | 31/07/2014 | FSMA/106733 | n/a | n/a | | 8263 |
| 28 | Duncan Hall | €78.83 | €78.83 | D | PF | Reimbursement for use of personal transport | 16/09/2014 | req09/2014/dh | n/a | n/a | | 8262 |
| 29 | Global Insurance Brokers Ltd. | €55.00 | €55.00 | D | PF | Access fee for traffic accident (ABN948) | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8266 |
| 30 | Ronald Bezzina SSS | €1,781.25 | €1,781.25 | T | PF | Street sweeping & Cleaning (Aug 14) | 30/08/2014 | 3 | n/a | n/a | | 8265 |
| 31 | Ronald Bezzina SSS | €303.00 | €303.00 | T | PF | Bulk refuse for June 2014 | 28/06/2014 | 8 | n/a | n/a | | 8265 |
| 32 | Carmen Scicluna | €287.55 | €287.55 | D | PF | Librarian Fees for Aug 2014 | 12/09/2014 | inv12092014 | n/a | n/a | | 8264 |
| 33 | ARMS Ltd. | €130.00 | €130.00 | D | PF | Extension to temporary electrical supply | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8235 |
| 34 | Santa Katerina Construction | €1,090.00 | €1,090.00 | D | PF | Trenching works carried out @ il-maghluq | 07/07/14 | 56/14 | 1007 | 1427 | | 8242 |
| 35 | V&A Services | €4,244.41 | €4,244.41 | T | PF | Door to door refuse collection for Aug 14 | 31/08/14 | MXLC011 | n/a | n/a | | 8243 |
| 36 | Payroll | € 7,220.31 | € 7,220.31 | n/a | n/a | Payroll & Mayor's honoraria for Aug 14 | various | various | various | various | | various |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | 17933.01 | €17,933.01 |
| Sub Total b/f | 8035.38 | €8,035.38 |
| Total | 25968.39 | €25,968.39 |

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Approvati fis-Seduta Nru: 41

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

## Purchase Orders and Purchase Request for August 2014

| P/O Number | P/R Number | Date | Supplier | Material Procured | Reason | Amount | P/O Book |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1457 | 1036 | 04/08/2014 | A-Sound | Hire of PA System | Festa | € 250.00 | 30 |
| 1458 | 1035 | 01/08/2014 | Nazzareno Camilleri | 2 skip hire | Palm Lampuki | € 140.00 | 30 |
| 1459 | 1039 | 04/08/2014 | JJ Ironmongery | Cement and Supplies | General Use | € 55.00 | 30 |
| 1460 | 1037 | 04/08/2014 | Joseph Borg | Rubbish Collection | Festa | € 300.00 | 30 |
| 1461 | 1038 | 04/08/2014 | Schembri Barbros | Bricks | General Use | € 48.38 | 30 |
| 1462 | 1040 | 04/08/2014 | Horace Enterprise Ltd | Plakka | Tieg | € 30.00 | 30 |
| 1463 | 1041 | 04/08/2014 | Neptune Pools | klorin | Funtana | € 85.00 | 30 |
| 1464 | 1042 | 04/08/2014 | Jason Gauci | Newspaper and Supplies | Office | € 148.35 | 30 |
| 1465 | 1043 | 04/08/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van | Van | € 50.00 | 30 |
| 1466 | 1044 | 06/08/2014 | Scan Malta | UPS | Office | € 64.50 | 30 |
| 1467 | 1045 | 06/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 11.12 | 30 |
| 1468 | 1046 | 06/08/2014 | Nazzareno Camilleri | 2 skip hire | Palm Lampuki | € 140.00 | 30 |
| 1469 | 1047 | 06/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 17.43 | 30 |
| 1470 | 1048 | 11/08/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van | Van | € 48.69 | 30 |
| 1471 | 1049 | | | | | | 30 |
| 1472 | 1050 | 12/08/2014 | JJ Ironmongery | cement | General Use | | 30 |
| 1473 | 1051 | 13/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 22.01 | 30 |
| 1474 | 1052 | 14/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 28.20 | 30 |
| 1475 | 1053 | 18/08/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van | Van | € 70.00 | 30 |
| 1476 | 1054 | 18/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 12.98 | 30 |
| 1477 | 1055 | 18/08/2014 | CANCELLED | | | | 30 |
| 1478 | 1056 | 19/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 7.55 | 30 |
| 1479 | 1057 | 19/08/2014 | Anglu Grech tal-Milord | C20 konkos ghal parking | Maghluq | € 171.00 | 30 |
| 1480 | 1058 | 21/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 9.10 | 30 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1481 | 1059 | 21/08/2014 | Office Point Malta | White Paper | Office | € 171.11 | 30 |
| 1482 | 1060 | 22/08/2014 | A Montebello Tyres Ltd | 2 Tyres | Van | € 118.96 | 30 |
| 1483 | 1061 | 25/08/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van | Van | € 71.30 | 30 |
| 1484 | 1062 | 25/08/2014 | Nazzareno Camilleri | skip hire | General Use | € 70.00 | 30 |
| 1485 | 1063 | 25/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 5.39 | 30 |
| 1486 | 1064 | 27/08/2014 | F Caruana Ironmongery | Various Supplies | General Use | | 30 |
| 1487 | 1065 | 27/08/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 12.38 | 30 |
| 1488 | 1066 | 28/08/14 | AID Ltd | Ext USB 1100 | Admin Office | € 177.00 | 30 |
| 1489 | 1067 | 29/09/14 | F Caruana Ironmongery | Serratura u pum | Room | | 30 |

Approved on ____________________

Edric Micallef
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

## Petty Cash for August 2014

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PC076/2014 | Jascar | Stationery | 08/08/2014 | -€ 7.21 |
| PC077/2014 | Maltapost plc | Registered letter | 08/08/2014 | -€ 1.20 |
| PC078/2014 | T.M. Ironmongery | Stainless steel screws | 11/08/2014 | -€ 5.25 |
| | | ***Petty cash Cheque No. 8232*** | | € 100.00 |
| PC079/2014 | T.M. Ironmongery | Stainless steel screws | 20/08/2014 | -€ 2.25 |
| PC080/2014 | J.J. Ironmongery | Cement | 22/08/2014 | -€ 3.65 |
| PC081/2014 | Maltapost plc | Registered Letter | 22/08/2014 | -€ 1.16 |
| PC082/2014 | Maltapost plc | Stamps | 22/08/2014 | -€ 19.76 |
| PC083/2014 | T.M. Ironmongery | High vis. Spray | 25/08/2014 | -€ 2.00 |
| PC084/2014 | T.M. Ironmongery | Water paint | 28/08/2014 | -€ 9.50 |
| PC085/2014 | T.M. Ironmongery | Screws | 30/08/2014 | -€ 0.80 |

Approved on ____________________

Edric Micallef
Mayor

Duncan Hall
Executive Secretary